MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 175/2004

**Easysell Kia (Malta) Ltd.**

**vs**

**George u Philippa konjugi Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u mija u wiehed liri Maltin u erbghin centezmu u (Lm1101.40), rapprezentanti import ta' kambjali li skadew, kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza.**
**Is-socjeta` attrici qieghda ukoll titlob illi l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsu l-imghaxijiet legali fuq dawn il-kambjali b'dan illi s-somma totali dovuta mill-konvenuti a favur is-socjeta` attrici m'ghandhiex teccedi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00).**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-avviz, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2004 deher id-difensur tal-konvenuti.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fl-4 ta' Mejju, 2004, li biha irriduciet t-talba taghha ghas-somma ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm725.52).**

**Ra l-kapitolu prezentat fl-4 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tal-konvenuti, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm725.52) bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Jannar, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------